MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 301/2005

**AMC Marketing Limited**

**Vs**

**Bosphorous Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tal-attur li biha s-socjetaċ attrici, wara li qalet illi s-socjetaċ konvenuta kriet minghand is-socjetaċ attrici l-fond kummercjali bl-isem ta' "AMC House", 21st September Avenue, Naxxar u dana skond skrittura ta' lokazzjoni datata erbatax (14) ta' Settembru, 2002;

Illi s-socjetaċ konvenuta hija moruza fil-hlas tal-kera taghha lis-socjetaċ attrici ghall-iskadenza tax-xahar ta' Jannar, 2005 li tammonta ghal elfejn mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm2,124);

Illi ghalhekk is-socjetaċ attrici hija kreditrici fil-konfront tas-socjetaċ konvenuta fis-somma ta' liema kreditu huwa wiehed cert, likwidu u dovut;

Illi ai termini ta' klawsola numru tlettax (13) ta' l-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni hemm ikkontemplat illi f'kaz illi s-socjetaċ konvenuta tkun morus fil-hlas ta' pagament li jekwivalixxi ghal kera ta' tlett xhur u jibqaċ hekk morus ghal zmien hmistax-il jum min-notifika ta' ittra ufficcjali min-naha tas-socjetaċ attrici dan il-ftehim ta' lokazzjoni jigi tterminat "ipso iure" u jibda jiddekorri l-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma dovuta bhala kera, kif ukoll is-socjetaċ konvenuta ghandha minnufih tivvaka mill-imsemmi fond u tikkonsenja c-cwievet lis-socjetaċ attirici u din tiehu lura l-pussess tal-imsemmi fond.

Illi s-sojcetaċ attrici harget ittra ufficcjali fil-konfront tas-socjetaċ konvenuta ghal dan il-ghan datata 14 ta' Frar, 2005 liema ittra ufficcjali li giet innotifiakta lis-socjetaċ konvenuta nhar id-9 ta' Marzu, 2005;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh kemm ghal dak li jirrigwardja it-talba ta' l-atturi ghall-arretrati ta' kera, kif ukoll ghall-izgumbrament stante li hawn si tratta ta' "zgumbrament ta' kull persunja minn… … … bini, sew jekk b'talba ghall-hlas ta' … … …, kera…" ai termini ta' l-Artikolu 167 hawn fuq citat.

Illi s-socjetaċ konvenuta baqghet inadempjenti kemm ghar-rigward tal-hlas ta' kera dovuta minnha lis-socjetaċ attrici, kif ukoll ghar-rigward li hija tikkonsenja

lura c-cwievet tal-imsemmi fond lis-socjetaċ attrici u tivvaka mill-imsemmi fond;

Tghid is-socjetaċ konvenuta ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhix:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta'elfejn mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm2,124).
3. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut milll-fond kummercjali bl-isem ta' "AMC House", 21st September Avenue, Naxxar.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-ewwel (1) ta' Jannar, 2005 sad-data tal-pagament effettiv u rappresentanti u diretturi tas-socejtaċ konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-affidavid mahluf minn Victor Zammit u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process;

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh kienu notifikati lis-socjetaċ konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjetaċ konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 et seqq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Cvili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjetaċ konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez, b'dan illi konvenuta ghandha tizgombra mill-fond fi zmien xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------